MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2012

Numru. 1170/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlos Cordina)**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**vs**

**Leandross Cutajar, 28 sena, bin Carmelo u l-mejta Alfreda xebba Bonett, imwieled Pieta` fid-29 ta' Lulju, 1984, residenti 86, Triq Abram Gatt, Bormla u detentur tal-karta tal-identia` 0389684M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli:

1) Nhar 06 ta' Novembru 2012 gewwa Sliema, ghal habta ta' 15.00pm, fi Triq Sir Luigi Camilleri, ikkommetta serq ta' Katina ta' kulur isfar u kif ukoll pendent (salib) ta' kulur isfar minn fuq il-persuna ta' Claire Pace ta' 67 sena,

liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu tal-istess persuna Claire Pace karta ta' identita nru. 0544245M

2) Aktar talli fl-istess cirkostanza ikkaguna fuq il-persuna ta' Claire Pace ta' 67 sena, feriti ta' natura hafifa hekk kif icertifika Dr. Cecil T. Paris M.D.

3) Fl-istess jum, lok, hin u cirkutanzi, bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Claire Pace biza li ser tintuza vjolenza kontriha, meta kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu ser tikkaguna biza.

4) Talli assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f'Malta bil-ghan li jaghmlu delitt/I f'Malta li ghalihom hem mil-piena ta' prigunerija, u li ma kienux delitti taht l-Att dwar l-istampa.

5) Akkuzat ukoll tall f'dawn il-Gzejjer, nhar l-20 ta' Ottubru 2012, f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn 12:50hrs u 16:00hrs ta' wara nofsinhar, talli ikkommetta serq ta' oggetti fosthom gojjellerija, flus kontanti, u diversi oggetti ohra, minn gewwa residenza 64, Triq Biccieni, Sqaq Numru 10, Zabbar, liema serq li huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-ammont ta' elfejn, tlett mija, disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,32.9.37c) u bil-lok, li sar ghad-detriment ta' Concetta Liam inn Haz-Zabbar u/jew persuni ohra.

6) U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsarat fil-bieb ta' barra tar-residenza 64, Triq Biccieni, Sqaq Numru 10, Zabbar, liema hsara ma teccedix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) ghad-

dannu ta' Concetta Liam inn Haz-Zabbar u/jew persuni ohra;

7) Fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Concetta Lia biza li ser tintuza vjolenza kontriha, meta kien jaf jew messu jeaff li dik l-imgibea tieghu ser tikkaguna biza.

8) Akkuzat ukoll talli fil-Fgura nhar il-05 ta' Settembru 2005, ghal habt atad—09:00 ta' filghaxija, fi Triq il-Liedna, Fgura, ikkommetta serq ta' stereo, ghamla mhux maghrufa, vettura bi numri ta' registrazzjoni GBD883 ta' ghamla Perodua, liema serq ma jeccedix l-elfejn u tnejn u tletin ewro u rbgha u disghin centezmu (2390.24) u ghalhekk ikkwalifikat bil-mezz, bil hin, u bil-lok u li sar ghad-detriment ta' Amanda Jane Bunce ta' karta ta' identita 0185384M.

9) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkosanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara teccedi l-Euro 116.47 fuq bieb ta' residenza ghad-dannu ta' Amanda Jane Bunce.

10) Talli f'Malta xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat , sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew, xjentemen, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew biex imexxihom.

11) Talli fl-istess data, lok u hin gewwa residenza msemmija, cioe Bormla, u wara li kien gie ikkundannat f'Malta ghal serq, jew ghal ricettazzjoni b'diversi sentenzi, instab fil-pussess ta' ghodod tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi u cioe` pistola fittizja u balaklava minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittmu instabu ghandu f'dak iz-zmien.

Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi tal-Qori li issa saru definittivi u ma jistawx jinbuidlu Art. 49, 50, 289 Kap 9.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, izda ma tistax tinjora l-fedina penali refrattarja tal-imputat u l-fatt illi huwa recediv.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 221(1), 261(a)(b)(c)(e)(f), 262(1)(a), 263(a), 265, 267, 269(g), 270, 278(1), 280(1), 334, 325(b), 17(h)m 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' erba (4) snin prigunerija.

Il-Qorti taghmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin illi l-imputat ghandu jinghata l-opportunita ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga filwaqt li jkun inkarcerat.

Il-Qorti tordna illi d-dokument J jigi ritornat lil vittma Concetta Lia , filwaqt li Dok L jigi ritornat lil Claire Pace u tawtorizza lill-Ufficjali Prosekutur jirtiraw l-imsemmija oggetti mill-atti biex jirritornawhom lil dawn in-nies.

Il-Qorti tordna li d-distruzzjoni tad-dokument K.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza flimkien mal-atti tigi mibghuta lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------